**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2019/2028(BUD)**

29.8.2019

# EMENDI TAL-BAĠIT

Baġit 2020
(2019/2028(BUD))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Younous Omarjee

## Abbozz ta' emenda 6250

=== REGI/6250 ===

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 02 02 77 41**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 02 02 77 41 | | | | | | | 400 000 | 200 000 | 400 000 | 200 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 400 000 | 200 000 | 400 000 | 200 000 |

## Intestatura:

***Proġett pilota — Skambji kulinari ffaċilitati għal komunitajiet ta' rifuġjati u dawk ospitanti f'villaġġi u bliet żgħar fil-periferija Ewropea***

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jindirizza l-kwistjoni tal-integrazzjoni effikaċi tar-rifuġjati, li hija kruċjali għall-iżvilupp reġjonali. Se jagħmel dan billi jipprovdi qafas ta' integrazzjoni permezz ta' skambji ta' tagħlim kulinari bejn il-pari għal komunitajiet ta' rifuġjati u dawk ospitanti fil-periferija Ewropea.***

***L-iskambji interkulturali jistgħu jippromwovu l-integrazzjoni tal-persuni li jkunu għadhom kif waslu fil-pajjiż u jtaffu t-tħassib tal-komunità ospitanti. Madankollu, ħafna sforzi eżistenti primarjament jattiraw parteċipanti iżgħar fl-età, b'edukazzjoni u multilingwi u huma kkonċentrati fi bliet kbar. L-iskambji ffaċilitati ta' riċetti, klassijiet tat-tisjir u ikliet msajra fid-djar għandhom il-potenzjal li jippermettu spettru wiesa' ta' nies biex jinteraġixxu direttament, inklużi nisa, persuni akbar fl-età, b'livell aktar baxx ta' edukazzjoni u persuni monolingwi, u li joffru lir-rifuġjati u lill-komunitajiet ospitanti benefiċċji diretti, tanġibbli u delizzjużi. Kċejjen żgħar kondiviżi, festivals tat-tisjir tar-rifuġjati u skambji ta' riċetti ġew promossi minn NGOs f'diversi bliet kbar.***

***Madankollu, il-faċilitazzjoni, primarjament fil-forma ta' traduttur, hija essenzjali sabiex dawn l-iskambji jsiru f'postijiet iżgħar u aktar remoti, li xi drabi jospitaw komunitajiet kbar ta' rifuġjati f'daqqa waħda. Dan il-programm pilota jkun l-aktar meħtieġ immedjatament f'lokalitajiet relattivament iżolati fl-Istati Membri li esperjenzaw wasliet kbar ta' persuni. Iżda dan il-proġett pilota huwa potenzjalment awtosostenibbli, flessibbli u riproduċibbli biex jgħin biex jitnaqqsu d-distakki l-oħra.***

***Għal din ir-raġuni, valutazzjoni bir-reqqa tal-effetti, il-vantaġġi u l-isfidi għandha tkun parti mill-introduzzjoni inizjali.***

## Bażi ġuridika:

Żid it-test li ġej:

***Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

"Wara l-ogħla għadd ta' wasliet ta' rifuġjati fl-Ewropa fl-2015/2016, l-attenzjoni issa qed tiġi mmirata lejn l-integrazzjoni effikaċi tal-migranti fis-soċjetajiet ġodda tagħhom. Filwaqt li l-politika dwar il-migrazzjoni tibqa' responsabbiltà nazzjonali, l-awtoritajiet ċentrali u lokali jirrikonoxxu li jeħtieġ li l-integrazzjoni sseħħ fejn jinsabu n-nies, fil-postijiet tax-xogħol tagħhom, fil-viċinati tagħhom, u fl-iskejjel fejn huma jibagħtu lit-

tfal tagħhom. Wara kull statistika dwar il-migrazzjoni, hemm individwi jew familji li jibdew ħajja ġdida f'post ġdid."

Sors: OECD — Working Together for Local Integration of Migrants and Refugees (Naħdmu Flimkien għall-Integrazzjoni Lokali tal-Migranti u r-Rifuġjati)

=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6251

**=== REGI/6251 ===**

Imressqa minn Younous Omarjee, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Artikolu 04 02 64 —** Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ

**Emenda ċ-ċifri kif ġej:**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 04 02 64 | 350 000 000 | 631 500 000 | 116 666 667 | 600 000 000 | p.m. | 565 000 000 | 116 666 667 | 35 000 000 | 116 666 667 | 600 000 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | 350 000 000 | 631 500 000 | 116 666 667 | 600 000 000 | p.m. | 565 000 000 | 116 666 667 | 35 000 000 | 116 666 667 | 600 000 000 |

### Ġustifikazzjoni:

L-abbozz ta' baġit għandu jerġa' jiġi kif kien.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6252

**=== REGI/6252 ===**

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 06 02 77 25**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 06 02 77 25 | | | | | | | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000 |

### Intestatura:

***Proġett pilota — Mobilità urbana intelliġenti permezz ta' vetturi awtonomi***

### Kummenti:

<u>Żid it-test li ġej:</u>

***Għal perjodu ta' żmien medju u twil, il-bliet madwar l-Unjoni Ewropea għandhom jimplimentaw fuq skala kbira l-kunċett ta' karozzi elettriċi awtonomi/mingħajr sewwieq, billi jgħinuhom jippromwovu politika ta' mobilità urbana aħjar u ekoloġika lejn iċ-ċittadini, it-turisti, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra, u l-ambjent. Permezz ta' dan il-proġett pilota, qed nipprevedu l-implimentazzjoni ta' sett ta' azzjonijiet integrati f'mill-inqas 10 ibliet (bliet pilota), b'diversi daqsijiet, minn Stati Membri differenti tal-UE, li jinkludu ċentri urbani konġestjonati u viċinati essenzjali, destinazzjonijiet turistiċi, inklużi fortizzi, parks ta' divertiment tematiċi jew kumplessi, ajruporti, kampusijiet edukattivi, sptarijiet kbar, eċċ. Il-proġett iqis bilanċ ġeografiku sod bejn il-bliet li huma mifruxa f'pajjiżi tal-UE (it-Tramuntana, in-Nofsinhar, il-Lvant, il-Punent, iċ-ċentru), bejn bliet aktar sinjuri u fqar, bejn bliet kbar jew żgħar jew ta' daqs medju. Aħna niddependu fuq dawk b'rieda politika qawwija, b'kapaċità amministrattiva u teknika***

*kompetenti biex jittestjaw dawn il-vetturi awtonomi u biex jippersonalizzaw l-inizjattiva futura li tadotta l-fażi pilota għal waħda Komunitarja.*

*Il-proġett qed jgħaqqad b'mod integrat l-akkwist ta' xarabanks elettriċi żgħar mingħajr sewwieq b'kapaċità ta' trasport ta' 15-il persuna, inkluż l-aċċess għal persuni b'diżabilità, li joffru mobilità aktar effiċjenti u intelliġenti lill-bliet pilota u s-siti privati.*

*Dawn ix-shuttles jużaw data minn sensuri Lidar, kameras, GPS RTK, IMU u odometrija, li huma amalgamati u interpretati minn programmi ta' tagħlim fil-fond, intelliġenza artifiċjali u konnettività b'veloċità għolja.*

*L-akkwist huwa kkomplementat minn kampanji edukattivi intensivi promossi bl-użu tal-mezzi tal-midja soċjali fil-kunsilli lokali, l-iskejjel, l-universitajiet, iċ-ċentri ta' informazzjoni turistiċi, l-assoċjazzjonijiet tal-akkomodazzjoni, it-trade unions, eċċ. L-għan ta' dawn il-kampanji huwa li tiġi żviluppata mentalità urbana b'saħħitha, orjentata pubblikament lejn l-użu ta' dan il-mudell alternattiv ta' trasport, u li tissaħħaħ l-importanza ta' alternattivi ta' mobilità ekoloġika fl-ambjent urban Ewropew; u li jiġi promoss ukoll b'mod viżibbli l-appoġġ finanzjarju tal-Kummissjoni Ewropea. Fi tmiem il-proġett, se tiġi prodotta gwida dwar it-tagħlimiet meħuda u se titwassal pubblikament bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Din il-gwida se tinxtered fuq il-mezzi rilevanti uffiċjali (eż. assoċjazzjoni ta' muniċipalitajiet f'kull Stat Membru tal-UE, netwerks ċentrali rilevanti għall-gvernijiet lokali, destinazzjonijiet turistiċi, unions tat-trasport. Avvenimenti pubbliċi (eż. konferenza stampa) u dimostrazzjonijiet prattiċi se jsiru fil-Parlament Ewropew, fil-Kumitat tar-Reġjuni jew fil-Kummissjoni Ewropea u f'kull belt pilota.*

*Ix-shuttles huma mgħammra b'faċilitajiet intelliġenti (eż. displays diġitali) li joffru informazzjoni rilevanti dwar il-vjaġġ, id-destinazzjoni, il-marka tal-karbonju, messaġġ edukattiv dwar l-importanza li wieħed jgħix f'ambjent urban ekoloġiku; dawn ikejlu l-kwalità tal-arja f'ħin reali bl-użu ta' sensuri, jikkomunikaw il-wasliet/it-tluq tagħhom fi stazzjonijiet li jużaw messaġġi awdjo u diġitali. Huma jipprovdu passiġġieri bil-WI-FI bla ħlas. Matul il-proġett pilota, l-aċċess għax-shuttles ikun bla ħlas għaċ-ċittadini. L-ispejjeż operattivi li huma meħtieġa għall-funzjoni ottimali tagħhom huma koperti mill-proġetti u l-garanziji offruti mill-kumpanija li rebħet l-offerta pubblika biex tipprovdi x-shuttles.*

*Argument fundamentali ieħor huwa li dan it-tip ta' proġett pilota permezz ta' riżultati konkreti joħloq mudell skalabbli li jista' jiżdied fil-livell ta' bliet differenti madwar l-UE, bi ħtiġijiet ta' mobilità differenti u speċifiċi. Ir-riżultati tiegħu jappoġġjaw lill-muniċipalitajiet u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra (inklużi operaturi privati) biex iħejju l-proġetti ta' mobilità futuri tagħhom li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea u mill-gvernijiet nazzjonali skont il-perjodu futur ta' allokazzjoni (2021–2024), permezz ta' programmi operattivi reġjonali u programmi oħra li jappoġġjaw il-politika ta' koeżjoni tal-UE. Huma jsiru aktar konxji tal-ispejjeż, tar-rekwiżiti ta' sikurezza u ta' sigurtà, tal-loġistika, tal-ispejjeż tal-manutenzjoni u tal-ispejjeż ta' affordabbiltà. Il-bliet jistgħu jadattaw u jadottaw deċiżjonijiet/politiki lokali ġodda lejn mobilità urbana intelliġenti, filwaqt li jsaħħu l-importanza tal-użu ta' mezzi urbani alternattivi integrati, il-mobilità bħala faċilità ta' servizz, flotot ta' vetturi ekoloġiċi adattati b'mod effiċjenti u sigur f'ambjent urban xieraq.*

## Bażi ġuridika:

Żid it-test li ġej:

***Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

Il-vetturi awtonomi (AutoV) użati mill-amministrazzjoni lokali joffru aktar minn soluzzjoni ta' mobilità urbana sostenibbli. Huma wkoll l-aħjar teknoloġija adottata minn persuni fuq skala kbira. Peress li qed tiġi ġestita minn awtorità li tibbenefika mill-fiduċja taċ-ċittadini, din is-soluzzjoni toffri l-opportunità li jiġi ttestjat u amplifikat il-koabitament tal-persuni/teknoloġija fil-belt, mill-kodiċi etiku li għandu jiġi adottat

għall-politiki pubbliċi biex tiddaħħal fil-ħajja tal-belt. Numru ikbar ta' AutoV fil-bliet se jsaħħaħ l-istrateġiji intelliġenti lokali.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6253

=== REGI/6253 ===

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 09 05 77 11**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 09 05 77 11 | | | | | | | 500 000 | 500 000 | 500 000 | 500 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 500 000 | 500 000 | 500 000 | 500 000 |

## Intestatura:

*Azzjoni preparatorja — Żvilupp tal-Politika minn isfel għal fuq għall-Kultura u l-Benesseri fl-UE*

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***Fl-2018, l-UE adottat l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura, li kompliet tiżviluppa l-ambitu tal-"Aġenda Ewropea għall-Kultura f'Dinja Globalizzata" (2007). L-Aġenda l-Ġdida tafferma mill-ġdid li s-setturi kulturali u kreattivi jsaħħu l-identità Ewropea, għandhom is-setgħa li jtejbu l-ħajjiet, jittrasformaw il-komunitajiet, jiġġeneraw l-impjiegi u t-tkabbir, u joħolqu effetti konsegwenzjali f'setturi oħra. B'mod aktar preċiż, wieħed mit-tliet objettivi strateġiċi tal-Aġenda l-Ġdida huwa li tiġi sfruttata l-qawwa tal-kultura u d-diversità kulturali għall-koeżjoni u l-benesseri soċjali, bil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni kulturali, il-mobbiltà tal-artisti u l-protezzjoni tal-wirt.***

***Id-dokument jappella għal riċerka fuq kollegamenti kulturali biex jiġu vvalutati l-impatti f'oqsma differenti inklużi s-saħħa u l-benesseri.***

***L-aċċess għall-kultura u l-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali jippromwovu emanċipazzjoni individwali, kuxjenza demokratika u koeżjoni soċjali permezz ta' skambji ma' persuni oħra u impenn ċiviku. It-tibdil fl-imġiba tal-utent minħabba d-diġitalizzazzjoni, ix-xjuħija u soċjetajiet kulturalment differenti jirrikjedi fehim aħjar ta' udjenzi differenti. Hija meħtieġa orjentazzjoni aktar b'saħħitha lejn l-interessi u l-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi, bħaż-żgħażagħ, il-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabilità, il-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni u l-persuni li jgħixu fil-faqar jew f'deprivazzjoni materjali. It-teknoloġiji diġitali huma assi għall-iżvilupp tal-udjenzi u għal metodi innovattivi ta' parteċipazzjoni. Il-kooperazzjoni transettorjali ma' oqsma oħra, bħall-edukazzjoni, il-kura soċjali, il-kura tas-saħħa, ix-xjenza u t-teknoloġija, u l-iżvilupp reġjonali u urban, għandha effett sinifikanti fuq il-koeżjoni u l-benesseri. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-rwol tal-kultura fil-livell lokali, lill-kwalità tal-arkitettura u lill-ambjent tal-għajxien u lill-innovazzjonijiet soċjali mmexxija mill-kultura li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ibliet u r-reġjuni mal-EU kollha.***

***Outputs immirati: L-iskambju ta' esperjenzi u stejjer ta' suċċess se jgħin biex tiġi identifikata l-aqwa prassi. Jistgħu jiġu stabbiliti sinerġiji mal-Fondi Strutturali, l-Aġenda Urbana tal-UE u s-Sħubija l-ġdida tagħha dwar il-Kultura u l-Wirt Kulturali kif ukoll l-Aġenda 2030 tan-NU u l-proġett tal-OECD dwar produttività reġjonali u benesseri mmexxija mill-kultura.***

***Il-proġett pilota propost għandu l-għan li jappoġġja***

***1. ir-riċerka dwar il-kultura u l-benesseri;***

*2. il-kooperazzjoni transettorjali u trans-Ewropea bil-għan li jiġu ġġenerati l-għarfien, il-proġetti pilota u l-linji gwida ta' politika dwar kif jittejjeb il-benesseri permezz tal-kultura — Grupp ta' riflessjoni Ewropew dwar il-Kultura u l-Benesseri;*

*3. xogħol sperimentali fuq il-post fi bliet pilota madwar l-Ewropa fuq metodi, azzjonijiet u miżuri biex itejbu l-benesseri ta' individwi u komunitajiet (kwalità ta' ambjenti mibnija, kwalità ta' spazji għall-interazzjoni soċjali, kwalità ta' servizzi għal gruppi speċifiċi bħal studenti tal-iskola, tfal, anzjani, gruppi li għandhom bżonnijiet speċjali, eċċ.);*

*4. l-iżvilupp ta' linji gwida ta' azzjoni u ta' politika għall-bliet, l-istituzzjonijiet, l-atturi kulturali dwar l-użu effikaċi tal-kultura għall-benesseri;*

*5. il-kondiviżjoni tal-għarfien, iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni u l-kapaċità tal-atturi ewlenin li jużaw il-kultura għall-benesseri — sessjonijiet ta' ħidma lokali f'diversi bliet fl-Ewropa u Forum Kultura u Benesseri fuq skala kbira.*

## Bażi ġuridika:

Żid it-test li ġej:

***Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

L-aċċess għall-kultura u l-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali jippromwovu emanċipazzjoni individwali, kuxjenza demokratika u koeżjoni soċjali permezz ta' skambji ma' persuni oħra u impenn ċiviku. It-tibdil fl-imġiba tal-utent minħabba d-diġitalizzazzjoni, ix-xjuħija u soċjetajiet kulturalment differenti jirrikjedi fehim aħjar ta' udjenzi differenti. Hija meħtieġa orjentazzjoni aktar b'saħħitha lejn l-interessi u l-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi, bħaż-żgħażagħ, il-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabilità, il-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni u l-persuni li jgħixu fil-faqar jew f'deprivazzjoni materjali.

=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6257

=== REGI/6257 ===

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-----------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Partita 10 02 77 04** — Proġett pilota — Tekniki integrati għat-tisħiħ siżmiku u l-effiċjenza enerġetika ta' bini eżistenti

**Emenda ċ-ċifri kif ġej:**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 10 02 77 04 | 1 275 000 | 637 500 | p.m. | 637 500 | p.m. | 637 500 | 2 000 000 | 362 500 | 2 000 000 | 1 000 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | 1 275 000 | 637 500 | p.m. | 637 500 | p.m. | 637 500 | 2 000 000 | 362 500 | 2 000 000 | 1 000 000 |

## Ġustifikazzjoni:

Ir-riabilitazzjoni tal-binjiet eżistenti hija għan ewlieni għall-Istati Membri tal-UE.

Għal dan il-għan, għandu jiġi żviluppat Pjan ta' Azzjoni biex jiġi żviluppat mill-ġdid u mmodernizzat l-istokk tal-bini eżistenti.

Madankollu, id-definizzjoni ta' tekniki ta' riabilitazzjoni sostenibbli li kapaċi jnaqqsu l-vulnerabbiltà sismika u jżidu l-effiċjenza enerġetika, mhija faċli xejn. Huwa importanti ħafna li jsiru riċerki u jinkisbu riżultati addizzjonali u aġġornati.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6254

**=== REGI/6254 ===**

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Artikolu 13 01 01** — Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"

**Emenda ċ-ċifri kif ġej:**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 01 01 | 64 225 525 | 64 225 525 | 66 292 226 | 66 292 226 | 66 066 420 | 66 066 420 | 225 806 | 225 806 | 66 292 226 | 66 292 226 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | 64 225 525 | 64 225 525 | 66 292 226 | 66 292 226 | 66 066 420 | 66 066 420 | 225 806 | 225 806 | 66 292 226 | 66 292 226 |

## Ġustifikazzjoni:

L-abbozz ta' baġit għandu jerġa' jiġi kif kien.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6255

**=== REGI/6255 ===**

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Partita 13 01 02 01** — Persunal estern

**Emenda ċ-ċifri kif ġej:**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 01 02 01 | 2 027 632 | 2 027 632 | 2 106 282 | 2 106 282 | 2 021 907 | 2 021 907 | 84 375 | 84 375 | 2 106 282 | 2 106 282 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | 2 027 632 | 2 027 632 | 2 106 282 | 2 106 282 | 2 021 907 | 2 021 907 | 84 375 | 84 375 | 2 106 282 | 2 106 282 |

## Ġustifikazzjoni:

L-abbozz ta' baġit għandu jerġa' jiġi kif kien.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6256

**=== REGI/6256 ===**

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Artikolu 13 01 03** — Nefqa relatata ma’ apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta’ politika "Politika reġjonali u urbana"

**Emenda ċ-ċifri kif ġej:**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 01 03 | 4 305 733 | 4 305 733 | 4 348 615 | 4 348 615 | 4 190 550 | 4 190 550 | 158 065 | 158 065 | 4 348 615 | 4 348 615 |

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | 4 305 733 | 4 305 733 | 4 348 615 | 4 348 615 | 4 190 550 | 4 190 550 | 158 065 | 158 065 | 4 348 615 | 4 348 615 |

## Ġustifikazzjoni:

L-abbozz ta' baġit għandu jerġa' jiġi kif kien.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6258

=== REGI/6258 ===

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-----------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 13 03 77 26**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 03 77 26 | | | | | | | 500 000 | 500 000 | 500 000 | 500 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 500 000 | 500 000 | 500 000 | 500 000 |

## Intestatura:

*Proġett pilota — Tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima fil-politika ta' koeżjoni*

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

*Il-politika ta' koeżjoni mistennija tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-klima aktar minn qatt qabel, u għalhekk il-Kummissjoni tal-UE pproponiet, għall-perjodu ta' finanzjament li jmiss li jibda fl-2021, dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata l-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima ta' proġetti infrastrutturali. Għalkemm il-valutazzjoni tal-klima diġà ġiet ikkunsidrata fil-passat għall-valutazzjoni ta' proġetti kbar, l-integrazzjoni tal-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima teħtieġ approċċ simplifikat u mmirat u tirrikjedi għarfien espert u kapaċitajiet speċifiċi min-naħa ta' dawk l-atturi biex tiġi implimentata l-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-kumitati ta' monitoraġġ (inklużi s-sħab kollha involuti). Sabiex jiġi evitat li l-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima tiġi sempliċement ikkunsidrata bħala xi ħaġa li trid issir, għandha pjuttost titqiegħed fil-kuntest ta' tibdil strutturali u ta' tranżizzjoni fit-tul tal-ekonomiji tagħna. Għalhekk jenħtieġ li jinbnew kapaċitajiet u għarfien fost l-atturi kkonċernati sabiex il-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima tiġi implimentata b'mod effettiv mill-bidu nett tal-perjodu ta' finanzjament li jmiss.*

*Il-Proġett Pilota għandu l-għan tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fost l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-kumitati ta' monitoraġġ fil-qasam tal-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima. Iżid ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa li jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-ippjanar u l-investiment sensittivi għall-klima, u għandu jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' finanzjament tal-politika ta' koeżjoni fil-mogħdijiet ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul u għat-twettiq ta' Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima. Fuq perjodu twil, il-proġett jista' jiġi żviluppat aktar f'għodda li tqabbel il-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-adattament klimatiku mal-allokazzjonijiet potenzjali mir-riżorsi tal-UE. Il-Proġett Pilota jista' jintuża wkoll għal skopijiet ta' pubbliċità biex jintwera l-kontribut tal-politika ta' koeżjoni għall-protezzjoni tal-klima.*

*Qed jiġu proposti l-attivitajiet li ġejjin:*

*- l-istabbiliment ta' grupp ta' atturi rilevanti minn awtoritajiet ta' ġestjoni u kumitati ta' monitoraġġ li diġà għandhom esperjenza fl-implimentazzjoni ta' għodod ta' protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima jew li jkunu qed jittrattaw il-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima fil-futur qrib, u minn awtoritajiet ta' protezzjoni tal-enerġija u tal-klima ("parteċipanti"). Għandu jsir użu minn għodod u netwerks diġà eżistenti*

*disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea għal avvenimenti ta' taħriġ immirati lejn l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni;*

*- l-organizzazzjoni ta' proċess għall-parteċipanti (eż. permezz ta' workshops), eventwalment f'kooperazzjoni ma' esperti xierqa mill-akkademja u l-qasam tal-konsulenza, bil-ħsieb li jiġi ttestjat mekkaniżmu ta' protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima (eż. li għandu jiġi propost mill-Kummissjoni tal-UE), li jiġġenera esperjenza u jislet tagħlimiet rigward l-applikabbiltà, l-effikaċja u l-oqsma possibbli għal titjib;*

*- il-kapitalizzazzjoni mill-proċess, id-disseminazzjoni tal-eżitu tiegħu inkluża proposta ta' mekkaniżmi biex tiżdied il-kapaċità tal-atturi rilevanti kollha involuti fl-implimentazzjoni ta' proġetti infrastrutturali fil-politika ta' koeżjoni;*

*- rakkomandazzjonijiet politiċi li għandhom l-għan li jiżguraw li l-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima tkun għodda effikaċi fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni (eż. l-iżvilupp ta' għodda ta' taħriġ online dwar il-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima).*

## Bażi ġuridika:

Żid it-test li ġej:

*Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).*

## Ġustifikazzjoni:

L-indirizzar tat-tibdil fil-klima huwa fost l-ogħla prijoritajiet tal-UE u jeħtieġ azzjoni f'kull qasam. Minbarra l-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni, jeħtieġ li l-protezzjoni tal-klima tiġi stabbilita bħala prinċipju orizzontali li għandu jitqies fi kwalunkwe mument tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Unjoni u li jkun ibbażat fuq mekkaniżmu ta' protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima. Għall-implimentazzjoni effikaċi tiegħu, jeħtieġ li jinbnew kapaċitajiet fost l-atturi rilevanti.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6259

=== REGI/6259 ===

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 13 03 77 27**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 03 77 27 | | | | | | | 2 000 000 | 500 000 | 2 000 000 | 500 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 2 000 000 | 500 000 | 2 000 000 | 500 000 |

## Intestatura:

*Proġett pilota — Promozzjoni ta' sħubijiet tal-bliet fuq skala globali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana Ġdida (NUA) tan-Nazzjonijiet Uniti b'enfasi partikolari fuq il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet u politiki relatati mal-ekonomija ċirkolari kif ukoll dwar kwistjonijiet ta' kwalità tal-arja, it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-integrazzjoni tal-migranti u r-rifuġjati*

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***Il-politika tal-UE dwar l-iżvilupp urban, u l-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-politika urbana, qed jimxu 'l quddiem rigward temi bħall-bliet intelliġenti, il-ġestjoni tal-iskart u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Temi oħra, skont l-evidenza, huma ttestjati ħafna inqas. Għaldaqstant, dan il-PP/AP huwa maħsub biex tiġi ttestjata l-esperjenza internazzjonali u biex tinftiehem l-aħjar prattika rigward 4 temi ta' żvilupp urban sostenibbli li huma relattivament traskurati, u madankollu huma ta' importanza kruċjali għall-kwalità tal-ħajja fil-bliet fl-UE u barra minnha. Dawn huma temi li dwarhom il-bliet madwar id-dinja, inkluż f'pajjiżi inqas prosperi, għandhom ħafna esperjenza li jistgħu joffru lill-bliet tal-UE. Pereżempju, qasam ta' importanza fundamentali huwa l-ekonomija ċirkolari, fejn il-bliet tal-UE għandhom ħafna x'jitgħallmu minn bliet barra l-UE. Janez Potocnik, ex Kummissarju tal-KE u issa kopresident tal-Panel Internazzjonali dwar ir-Riżorsi tal-UNEP qal li "t-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari mhux talli hija meħtieġa talli hija inevitabbli". Għalhekk, dan huwa wieħed mill-4 oqsma ewlenin fejn jeħtieġ li nittestjaw prattiki ġodda mill-esperjenza internazzjonali li min-naħa tagħhom jistgħu jservu ta' eżempju għal programmi futuri tal-UE għall-iżvilupp urban taħt il-politika ta' koeżjoni. Sabiex jiġi żgurat is-suċċess ta' din il-kooperazzjoni, huwa importanti li tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati fl-UE u barra l-UE, b'mod partikolari l-komunità tar-riċerka u s-settur privat.***

## Bażi ġuridika:

Żid it-test li ġej:

***Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

Meta ġiet adottata l-NUA tan-NU f'Quito f'Ottubru 2016, l-UE ħadet impenji volontarji biex twettaq in-NUA permezz tal-Aġenda Urbana tal-UE u biex trawwem il-kooperazzjoni bejn il-bliet dwar l-iżvilupp urban sostenibbli. L-esperjenza tal-azzjonijiet tal-UE sal-lum turi li temi ewlenin tal-aġendi urbani huma ttraskurati. Permezz ta' dan il-PP/AP, 4 temi bħal dawn se jiġu ppilotati biex itejbu l-politika urbana u mhux urbana tal-UE u biex isawru l-kooperazzjoni futura bejn il-bliet.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6260

**=== REGI/6260 ===**

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 13 03 77 28**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 03 77 28 | | | | | | | 2 000 000 | 1 000 000 | 2 000 000 | 1 000 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 2 000 000 | 1 000 000 | 2 000 000 | 1 000 000 |

## Intestatura:

***Proġett pilota — Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Latina dwar l-iżvilupp territorjali u l-innovazzjoni fil-livell reġjonali***

## Kummenti:

<u>Żid it-test li ġej:</u>

***Din l-azzjoni tippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Karibew u mal-organizzazzjonijiet reġjonali fil-qasam tal-innovazzjoni fil-livell reġjonali u tal-istrateġiji transfruntieri dwar l-iżvilupp.***

***Tibni fuq l-esperjenza tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, u fuq inizjattivi preċedenti dwar l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u l-kooperazzjoni transfruntiera. Wara l-ittra ta' intenzjoni maqbula, wasal iż-żmien li jibda l-programm ta' kooperazzjoni. L-għan ewlieni ta' din l-azzjoni huwa li jitħarrġu l-atturi nazzjonali, reġjonali u lokali, jitħeġġeġ id-djalogu bejn il-pajjiżi u r-reġjuni tal-UE u l-Amerika Latina u jiġu ffavoriti skambji bejn il-komunitajiet tan-negozju, tar-riċerka u tas-soċjetà ċivili. Dan jgħin biex jiġu żviluppati kapaċitajiet organizzattivi u amministrattivi f'pajjiżi sħab bil-ħsieb li jiġu promossi t-tibdil ekonomiku u d-diversifikazzjoni f'żoni inqas żviluppati u f'żoni tal-fruntiera.***

## Bażi ġuridika:

<u>Żid it-test li ġej:</u>

***Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

Din l-azzjoni tikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-rabtiet u l-kooperazzjoni bejn is-sħab tal-UE u tal-Amerika Latina u tippromwovi żvilupp territorjali u koeżjoni soċjoekonomika bilanċjati, speċjalizzazzjoni u innovazzjoni intelliġenti fil-livell reġjonali, kif ukoll għat-tisħiħ tal-proċessi ta' integrazzjoni reġjonali. Tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-istrateġija l-ġdida UE-Amerika Latina.

**=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=**

## Abbozz ta' emenda 6261

**=== REGI/6261 ===**

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

**-------------------------------**

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 13 03 77 29**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 03 77 29 | | | | | | | 1 800 000 | 900 000 | 1 800 000 | 900 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 1 800 000 | 900 000 | 1 800 000 | 900 000 |

## Intestatura:

***Azzjoni preparatorja — Inizjattiva derivata minn-Netwerk Adrijatiku-Jonju ta' Universitajiet, Reġjuni, Kmamar tal-Kummerċ u Bliet (AI-NURECC)***

## Kummenti:

<u>Żid it-test li ġej:</u>

***Il-proġett propost ikompli bħala azzjoni preparatorja b'segwitu għas-suċċess tal-proġett pilota bit-titlu: Strateġija Ewropea għar-Reġjun Adrijatiku-Jonju (EUSAIR) — il-ġenerazzjoni u t-tħejjija ta' inizjattivi u proġetti b'valur miżjud ġenwin għar-reġjun kollu kemm hu.***

***In-Netwerk Adrijatiku-Jonju ta' Universitajiet, Reġjuni, Kmamar tal-Kummerċ u Bliet (AI-NURECC) ippropona inizjattiva li tinvolvi l-partijiet ikkonċernati ewlenin tar-Reġjun Adrijatiku-Jonju, li ngħaqdu***

*fl-isforzi tagħhom biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun Adrijatiku-Jonju (EUSAIR), isaħħu l-adozzjoni tal-objettivi u l-opportunitajiet ewlenin tal-EUSAIR, fil-livell reġjonali u lokali, u jrawmu l-implimentazzjoni soda tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha.*

*L-inizjattiva AI-NURECC hija koordinata mis-CPMR bl-appoġġ ta' erba' sħab taż-żona: L-Ewroreġjun Adrijatiku-Jonju (AIE), il-Forum tal-Bliet tal-Adrijatiku u l-Jonju (FAIC), il-Forum tal-Kmamar tal-Kummerċ tal-Adrijatiku u l-Jonju, u l-UniAdrion.*

*L-inizjattiva kurrenti AI-NURECC għandha durata ta' 18-il xahar (li tintemm fil-ħarifa tal-2018) u l-feedback mill-partijiet ikkonċernati u l-parteċipanti juri l-ħtieġa ta' inizjattiva oħra, aktar estiża.*

*Id-durata tal-inizjattiva derivata mill-Inizjattiva AI-NURECC tista' tkun ta' 36 xahar (li jibdew minn Ottubru 2019 u jintemmu f'Ottubru 2022).*

*Ikollha l-għan li:*

*Issaħħaħ l-adozzjoni mill-awtoritajiet reġjonali u lokali tal-objettivi u l-opportunitajiet ewlenin tal-EUSAIR, filwaqt li tippromwovi approċċ parteċipatorju effiċjenti u minn isfel għal fuq;*

*Tippromwovi l-iżvilupp ta' turiżmu sostenibbli b'enfasi fuq it-tmien attivitajiet prijoritarji għat-TSG 4 kif derivati mir-rapport tal-istrateġiji dwar it-turiżmu nazzjonali tal-EUSAIR dwar prijoritajiet u azzjonijiet komuni b'rabta mal-pjan ta' azzjoni tal-EUSAIR - Pilastru IV: "Turiżmu Sostenibbli", tappoġġa l-implimentazzjoni tal-attivitajiet b'kooperazzjoni mal-membri tat-TSG 4;*

*Tħeġġeġ in-netwerking ta' diversi atturi u l-kollaborazzjoni bejn rappreżentanti tas-settur privat u pubbliku u s-soċjetà ċivili biex:*

*- titrawwem il-koordinazzjoni bejn il-politiki tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali biex tiġi żviluppata ekonomija ċirkolari;*

*- issir ħidma fuq l-isfidi territorjali f'territorji speċifiċi tal-Adrijatiku u l-Jonju (muntanji, gżejjer u żoni skarsament popolati), filwaqt li l-EUSAIR tintrabat mal-aġenda territorjali ġdida u l-livell reġjonali jiġi appoġġat bi sfidi territorjali speċifiċi (pjattaformi eżistenti, żgħażagħ f'żoni bi sfidi territorjali) biex jiġi stabbilit djalogu;*

*- jiżdiedu l-ħiliet u l-għarfien taż-żgħażagħ, tal-istudenti u tal-ħaddiema taċ-ċivil, inklużi dawk li jgħixu f'żoni bi sfidi territorjali;*

*- jiġu promossi suġġetti li jolqtu pilastri differenti tal-EUSAIR: "Riċerka u Innovazzjoni" u "Żvilupp tal-SMEs" u "Tisħiħ tal-Kapaċitajiet". Għalhekk, biex jiġu appoġġati l-intraprenditorija, ir-raggruppamenti transnazzjonali u l-attivitajiet ta' ċentri tal-innovazzjoni diġitali għall-EUSAIR, kif ukoll biex jingħata kontribut għat-tixrid u t-tisħiħ tal-pjattaformi RIS3 eżistenti u biex issir ħidma fuq oħrajn ġodda, meta jkun xieraq.*

*Tippermetti sinerġiji mat-TSGs tal-EUSAIR;*

*Tippromwovi sinerġiji ma' inizjattivi oħra (WESTMED, BLUEMED,) u/jew ma' strateġiji makroreġjonali oħra (EUSDR, EUSBSR, EUSALP).*

*Il-gruppi fil-mira tal-inizjattiva derivata mill-Inizjattiva AI-NURECC ikunu:*

*Membri ta' gvernijiet reġjonali u lokali;*

*Universitajiet, istituzzjonijiet tal-ETV, studenti u assoċjazzjonijiet tal-istudenti;*

*Żgħażagħ u żgħażagħ qiegħda;*

*Aġenziji ta' żvilupp reġjonali u/jew lokali;*

*Kmamar tal-Kummerċ;*

*Intrapriżi Żgħar u Medji;*

*Industriji kreattivi u kulturali;*

*Investituri privati;*

*Komunitajiet u netwerks insulari, rurali u muntanjużi.*

*L-attivitajiet imwettqa mill-inizjattiva derivata mill-Inizjattiva AI-NURECC ikunu:*

*L-organizzazzjoni ta' Seminars ta' Taħriġ AI-NURECC, li jiffukaw fuq oqsma tematiċi differenti u l-kwistjonijiet trasversali (it-turiżmu sostenibbli, it-tkabbir blu, l-iżvilupp tal-SMEs, ir-R&I, eċċ.);*

*L-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' żvilupp tal-RIS3, l-innovazzjoni u l-SMEs fl-istrateġija;*

*Il-ħolqien tal-FOND GĦAL BOROŻ TA' STUDJU tal-AI-NURECC (internship ta' 6 xhur mingħajr ħlas f'intrapriża innovattiva tal-AI);*

*L-iżvilupp ta' studji speċifiċi (eż. dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-isfidi li jaffettwaw l-iżvilupp tat-turiżmu tal-kruċieri sostenibbli, it-Toroq tal-Ħarir tal-Punent, l-indikaturi u l-ġbir ta' data tal-AI għall-gżejjer tal-EUSAIR, eċċ.).*

*Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-inizjattiva derivata mill-Inizjattiva AI-NURECC ikun:*

*Il-makroreġjun tal-EUSAIR;*

*Fejn ikun possibbli, l-attivitajiet għandhom jindirizzaw u/jew jiġu implimentati fit-territorji tal-AI bi sfidi speċifiċi (eż. muntanji, gżejjer u żoni skarsament popolati).*

*Meta wieħed iqis l-attivitajiet li l-inizjattiva derivata mill-Inizjattiva AI-NURECC għandha l-għan li twettaq, minbarra is-sħab tal-Inizjattiva AI-NURECC is-sħab assoċjati jkunu involuti wkoll fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi.*

## Bażi ġuridika:

Żid it-test li ġej:

***Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

Il-feedback mill-partijiet ikkonċernati u l-parteċipanti fl-attivitajiet kurrenti tal-Inizjattiva AI-NUCRECC juri l-ħtieġa għal inizjattiva oħra – estiża u aktar inklużiva. Meta wieħed iqis l-attivitajiet li l-inizjattiva derivata mill-Inizjattiva AI-NURECC għandha l-għan li twettaq, minbarra is-sħab tal-Inizjattiva AI-NURECC is-sħab assoċjati jkunu involuti wkoll fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet addizzjonali speċifiċi.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6262

=== REGI/6262 ===

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 13 03 77 30**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 03 77 30 | | | | | | | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000 |

## Intestatura:

***Azzjoni preparatorja — Amministrazzjoni lokali intelliġenti li tuża l-IoT, l-IA, ir-RV u l-għodod ta' tagħlim awtomatiku biex tkun eqreb u aktar preżenti għaċ-ċittadin***

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***Iċ-Ċentru tal-Innovazzjoni u l-Immaġinazzjoni Ċivika huwa strument ta' innovazzjoni soċjali, komunikazzjoni, riċerka u promozzjoni, kif ukoll post għad-diskussjoni u l-informazzjoni disponibbli għaċ-ċittadini, il-pubbliku u l-esperti f'diversi oqsma. Iċ-CIIC għandu l-għan ukoll li jsir laboratorju permanenti li fih jiġu żviluppati u ttestjati forom differenti ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi tal-bliet sabiex tiġi appoġġata l-prattika parteċipattiva u jiġu promossi diskussjonijiet dwar proġetti ta' innovazzjoni urbana. Iċ-Ċentru jġestixxi l-proċessi ta' analiżi u jiżviluppa proġetti pilota għall-komunità u jimmira li jsolvi l-problemi urġenti tal-belt u jippjana proġetti futuri, biex jidentifika funzjonijiet komplementari b'rabta mad-dinamika attwali tal-belt. Waħda mill-partikolaritajiet taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni u l-Immaġinazzjoni Ċivika hija l-użu fl-organizzazzjoni u l-organizzazzjoni effettiva ta' laqgħat u metodoloġiji miftuħa tal-innovazzjoni rakkomandati mill-Kummissjoni Ewropea, bl-użu tal-kunċett tal-ispiral kwadruplu (li jindirizza t-temi tal-analiżi bil-parteċipazzjoni ta' esperti fil-post tal-amministrazzjoni pubblika, l-akkademiċi, l-ambjent tan-negozju u s-settur tal-NGOs), jew anke l-ispiral kwintuplu, billi jingħaqad ma' u jinvolvi l-ispiral kwadruplu u ċittadin - benefiċjarju dirett ta' miżuri mmirati biex iżidu l-kwalità tal-ħajja fil-belt. Iċ-Ċentru jikkoordina u jiggwida netwerks kumplessi ta' governanza parteċipattiva.***

***Il-punti b'saħħithom ta' dan il-proġett pilota huma li tiġi enfasizzata l-proattività taċ-ċittadini lejn il-gvernijiet lokali u li tiġi enfasizzata l-importanza tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.***

## Bażi ġuridika:

Żid it-test li ġej:

***Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

It-teknoloġija hija maħsuba biex tiffaċilita l-aċċess taċ-ċittadini għall-amministrazzjoni pubblika. Għalhekk għandha tiġi adottata politika li għandha l-għan li tiffinanzja soluzzjonijiet ta' innovazzjoni lokali għas-servizz tal-muniċipalitajiet. Il-finanzjament għandu jgħin lill-bliet ifasslu prodotti adattati għall-ħtiġijiet lokali, bl-użu tas-soluzzjonijiet diġitali disponibbli fis-suq, bħall-IoT, l-IA, ir-RV u t-Tagħlim Awtomatiku. Ir-riżultat se juri b'mod konkret kif il-magni jinsabu fis-servizzi taċ-ċittadini u joħloq ukoll servizzi pubbliċi lokali aċċessibbli f'kull ħin.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-==-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6263

**=== REGI/6263 ===**

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-----------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 13 03 77 31**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 03 77 31 | | | | | | | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 |

### Intestatura:

***Azzjoni preparatorja — L-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju (EUSAIR): ġenerazzjoni u tħejjija ta' inizjattivi u proġetti li jappoġġaw il-governanza u s-sħubiji f'diversi livelli b'valur miżjud għar-Reġjun***

### Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***L-objettiv ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li torganizza u/jew tiżviluppa:***

***Governanza effikaċi f'diversi livelli sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju (EUSAIR);***

***Il-bini tal-kapaċità fost l-implimentaturi ewlenin tal-EUSAIR bħala prerekwiżit għal implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni tal-EUSAIR;***

***Il-ġenerazzjoni u t-tħejjija u l-implimentazzjoni reali ta' inizjattivi u proġetti b'valur makroreġjonali ġenwin;***

***Inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni, sħubija ta' appoġġ tal-NGOs u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, avvenimenti kulturali, programmi ta' taħriġ u/jew seminars għaċ-ċittadini u speċjalment għaż-żgħażagħ fir-Reġjun, bil-għan li tinħoloq sjieda fir-rigward tal-EUSAIR, li tiġi enfasizzata l-identità reġjonali kondiviża u li jiġu promossi s-sħubija u n-netwerking fir-reġjun kollu. Dawn il-programmi għandhom jenfasizzaw l-edukazzjoni ċivika, l-intraprenditorija transnazzjonali, l-opportunitajiet għal avvenimenti kulturali, ir-relazzjonijiet tajbin tal-viċinat, u jgħinu jippromwovu l-integrazzjoni effikaċi tal-UE tal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali għas-sħubija mal-UE;***

***Tappoġġa l-assoċjazzjonijiet internazzjonali li jirrappreżentaw ir-reġjuni, il-bliet, il-kmamar tal-kummerċ, l-universitajiet, l-awtoritajiet tal-port u oħrajn li għandhom l-għan li jtejbu aktar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija.***

### Bażi ġuridika:

Żid it-test li ġej:

***Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).***

### Ġustifikazzjoni:

Ir-reġjun jiżvolġi rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kontinwità ġeografika fl-Ewropa.

L-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju għandha tiġi implimentata billi jsir użu mir-riżorsi ta' finanzjament disponibbli kollha, mill-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u minn pajjiżi kostali oħra, l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, kif ukoll kapital privat. Is-sħubiji bejn il-partijiet interessati fil-livell lokali u reġjonali, u l-NGOs huma prekundizzjoni għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6264

**=== REGI/6264 ===**

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Artikolu 13 08 01** — Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali — Assistenza teknika operazzjonali trasferita minn H1B (il-FSE, il-FEŻR u l-FK)

**Emenda ċ-ċifri kif ġej:**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 08 01 | 30 723 000 | 14 111 754 | 74 793 000 | 33 700 000 | 49 569 145 | 33 700 000 | 25 223 855 | | 74 793 000 | 33 700 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | 30 723 000 | 14 111 754 | 74 793 000 | 33 700 000 | 49 569 145 | 33 700 000 | 25 223 855 | | 74 793 000 | 33 700 000 |

## Ġustifikazzjoni:

L-abbozz ta' baġit għandu jerġa' jiġi kif kien.

=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=-=

## Abbozz ta' emenda 6265

**=== REGI/6265 ===**

Imressqa minn Younous Omarjee, rapporteur, Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

-------------------------------

SECTION III — COMMISSION

**Żid: 32 02 77 16**

| | Baġit 2019 | | Abbozz tal-baġit 2020 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2020 | | Differenza | | Ammont ġdid | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 32 02 77 16 | | | | | | | 4 000 000 | 3 000 000 | 4 000 000 | 3 000 000 |
| Riżerva | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | 4 000 000 | 3 000 000 | 4 000 000 | 3 000 000 |

## Intestatura:

***Azzjoni preparatorja — Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-azzjoni għall-klima bejn l-irħula fi ħdan l-UE u lil hinn permezz tal-ħolqien ta' identità rurali tal-Patt tas-Sindki***

## Kummenti:

Żid it-test li ġej:

***L-azzjoni hija unika fix-xorti tagħha billi tpoġġi lill-irħula u ż-żoni rurali fil-qalba tal-azzjoni fil-qasam tat-tibdil fil-klima, anki permezz tal-qafas il-ġdid tal-Patt Globali tas-Sindki. Permezz tal-azzjoni, l-irħula tal-UE u l-awtoritajiet rurali madwar id-dinja, li għandhom għarfien aktar mill-qrib tal-isfidi tat-tibdil fil-klima għal territorji rurali u li wasslu għal ftehim ambizzjuż dwar il-klima globali, ser jingħaqdu biex imexxu l-isforzi għall-kisba tal-objettiv tal-klima ta' emissjonijiet żero sal-2050.***

***Fi ħdan l-azzjoni, l-irħula tal-UE se jaħdmu flimkien fl-UE u lil hinn minnha għall-bini tal-kapaċitajiet globali u aktar konkretament biex jaqsmu l-esperjenzi, jittrasferixxu l-għarfien u l-kompetenzi tekniċi fil-qasam tal-ippjanar tal-enerġija sostenibbli u tal-klima, biex jaqsmu l-aħjar eżempji fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-adattament għalih, biex jaqsmu l-għarfien tagħhom dwar l-istrumenti finanzjarji innovattivi tal-UE favur investimenti għall-enerġija sostenibbli.***

***L-azzjoni se tinvolvi l-analiżi tal-aħjar prattiki eżistenti fil-qasam tal-ippjanar tal-enerġija sostenibbli u tal-klima fl-irħula u ż-żoni rurali u l-iżvilupp ta' strateġiji rurali integrati innovattivi maħsuba biex jindirizzaw adegwatament l-aċċess għall-enerġija u l-faqar enerġetiku, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, kif ukoll l-adattament tat-territorji rurali għat-tibdil fil-klima.***

***Dawn l-istrateġiji se jkunu konformi mal-istrateġija tal-"Pjaneta nadifa għal kulħadd" fil-pakkett "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha", kif ukoll mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-objettivi "Enerġija sostenibbli għal kulħadd".***

***Fl-aħħar nett, se jkunu previsti dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ trasparenti, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, konformement mar-rekwiżiti previsti mill-Konvenzjoni UNFCCC.***

## Bażi ġuridika:

Żid it-test li ġej:

***Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).***

## Ġustifikazzjoni:

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi żgurat li l-istrateġiji u l-proposti leġiżlattivi tal-UE jqisu b'mod suffiċjenti l-isfidi tad-dekarbonizzazzjoni tal-irħula u ż-żoni rurali tal-Ewropa. Permezz ta' azzjonijiet proposti, l-irħula u ż-żoni rurali tal-UE jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-kisba tal-objettiv tal-"emissjonijiet żero" sal-2020. Fi ħdan l-identità rurali tal-Patt Globali tas-Sindki, l-azzjoni tista' tesporta dan l-għarfien lejn żoni rurali lil hinn mill-UE u tiskambja l-aħjar prattiki magħhom, bl-għan li tissaħħaħ it-tmexxija tal-UE fl-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima.